MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 9/2006

**Alfred Sammut**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' April, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-ittra ta' l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Sema' t-trattazzjoni tal-kaz.

Ikkunsidra

Il-Pensjoni ghall-Invalidita` li kienet qed tithallas lill-appellanti giet imwaqqfa wara li d-Dipartiment ircieva kopja ta' *Investigation Report* mahrug mill-Employment and Training Corporation datat 4 ta' Settembru 2003 minn fejn irrizulta li l-appellant kien instab jahdem.

Minn dan ir-rapport jirrizulta li waqt spezzjoni li saret mill-ispetturi tal-Employment and Training Corporation fl-4 ta' Settembru 2003 ghand ic-Chef Choice, Triq Marsascala, Haz-Zabbar l-appellant li gie identifikat bhala impjegat ta' Iceberg Limited instab jaghmel xi xoghol fl-imsemmi fond.

L-appellant min-naha tieghu isostni li huwa ma kienx impjegat ma' Iceberg Limited izda kien mar fil-post fejn saret l-ispezzjoni sabiex jiltaqa' ma Joseph Farrugia, direttur ta' Iceberg Limited sabiex imbaghad jakkompanja lil Farrugia fir-residenza tieghu, u cioe` tal-appellant, bl-iskop li ssir stima ghal *airconditioner* li l-appellant kien ser jixtri minghand l-imsemmija Iceberg Limited. F'dan ir-rigward l-appellant esebixxa fattura mahruga minn Iceberg Limited u datata 10 ta' Settembru 2003, fl-ammont ta' Lm230.00 sabiex juri li huwa kien effettivament xtara *airconditioning unit* minghand is-socjeta` Iceberg Limited. Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2005 dan Joseph Farrugia xehed li l-appellant qatt ma kien impjegat ma' Iceberg Limited u qal li huwa ma kienx involut personalment fil-hrug tal-fattura esebita mill-appellant ghalkemm huwa ikkonferma li l-istess fattura effettivament inharget mill-imsemmija socjeta`. Dan ix-xhud qal ukoll li huwa qatt ma mar personalment fuq il-post fejn gie installat l-*airconditioner* mixtri mill-appellant.

Joseph Cortis, l-Inspector tal-Employment and Training Corporation, li xehed fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2004, spjega li huwa kien wiehed mill-ufficjali li ghamlu l-ispezzjoni tal-4 ta' Settembru 2003 u kkonferma li huwa kien sab lill-appellant flimkien ma xi haddiema ohra qed jahdmu ghand ic-Chef Choice. L-appellant kien qed jahdem fil-*cold room.* Huwa qal ukoll li l-appellant kien

mimli trab u meta staqsa lilu u lill-impjegat iehor kemm kienu ilhom jahdmu ma’ Iceberg Limited dawn irrispondew li kienu ilhom jahdmu gimgha. Dan jirrizulta wkoll mir-rapport miktub dak il-hin stess li saret l-ispezzjoni (hand written report) fejn hemm indikati d-dettalji tal-appellant u fejn hemm imnizzel li l-appellant kien ilu impjegat ma’ Iceberg Limited ghal perijodu ta’ gimgha.

L-Arbitru ghalhekk ma ghandu l-ebda dubju dwar il-veracita` tal-kontenut tar-rapport rilaxxjat mill-Employment and Training Corporation u mix-xhieda ta’ Joseph Cortis. L-Arbitru jirritjeni li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellant hija ghal kollox inverosimili u ma tistax titwemmen. Irid jigi rilevat li ghalkemm l-appellant sostna li huwa kien mar fuq il-post sabiex jiltaqa’ ma’ Joseph Farrugia, dan Farrugia ma nstabx fuq il-post meta saret l-ispezzjoni. Inoltre dan Farrugia, li suppost kellu jiltaqa’ mal-appellant sabiex imbaghad imorru d-dar ta’ dan tal-ahhar sabiex issir stima ta’ *airconditioner,* xehed li huwa qatt ma kien mar fil-fond fejn gie installat l-*airconditioner* mixtri mill-appellant. L-Arbitru jidrilha li huwa pjuttost inverosimili li Joseph Farrugia qal lill-appellant sabiex jiltaqa’ mieghu Haz-Zabbar meta huma kellhom imorru r-Rabat, u cioe` in-naha l-ohra ta’ Malta.

Fil-fehma tal-Arbitru gie ampjament pruvat li l-appellant kien qed jahdem fil-hin li saret l-ispezzjoni mill-ispetturi tal-Employment and Training Corporation. Ai termini tal-Artikolu 26(a) tal-Kap. 318 persuna trid tkun inkapaci li taghmel xoghol bi qliegh sabiex tkun intitolata li tircievi l-Pensjoni ghall-Invalidita` u ghalhekk una volta li gie pruvat li l-appellant instab jahdem id-Direttur ghas-Sigurta` Socjali kien gustifikat li jwaqqaf il-beneficcju in dizamina.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u decizjoni appellata konfermata.”

L-appellanti Alfred Sammut, fil-kontestazzjoni tieghu ta’ din is-sentenza, jikkontendi li l-Arbitru ghamel apprezzament hazin tal-fatti u wasal ghal konkluzjoni zbaljata. Huwa jissottometti li kienet tonqos l-ahjar prova

– dik, jigifieri, li hu kien qed jahdem bi qligh. F' kull kaz, isostni illi jekk kien hemm xi dubju, dan kellu jmur favur tieghu;

Hu principju konsakrat fid-dritt procedurali taghna illi l-gudikant adit mill-mertu ghandu l-obbligu li jiddeciedi "*iuxta alligata et probata*". Li jfisser li d-decizjoni trid tkun estratta unikament mill-allegazzjonijiet tal-partijiet u mic-cirkostanzi ta' fatt dedotti fil-gudizzju. Dejjem ukoll fl-ordinament taghna l-valutazzjoni tal-provi hi bazata fuq il-principju tal-konvinciment prudenzjali tal-gudikant. Difatti, fil-kwadru tal-principji espress fid-disposizzjonijiet relativi tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kif assistiti u sostanzjati mill-interpretazzjonijiet dottrinali u gurisprudenzjali, il-gudikant civili hu fakoltizzat jivvaluta fid-diskrezzjoni tieghu l-elementi probatorji akkwiziti u jgharbel dawk il-provi li huwa jirritjieni li huma l-aktar sufficjenti ghad-decizjoni tieghu. Dan billi jattribwilhom valur preminenti, b' eskluzjoni implicita ta' provi istruttorji ohrajn. Il-valutazzjoni hekk maghmula hi insindakabbli in sede appell, purke, s' intendi, jirrizulta hekk logiku u koerenti l-valur preminenti attribwit lill-elementi ta' prova;

Dan premess, din il-Qorti, *qua* qorti ta' revizjoni ghandha minn naha taghha l-obbligu li tiehu in ezami d-deduzzjonijiet formulati mill-Arbitru ghall-iskop tal-verifika tal-fondatezza, o meno, taghhom, u b' hekk taccerta jekk, kif qed tigi mitluba, l-appellanti ghandux dritt ghall-otteniment tar-repristinar tal-ghajnuna socjali li hu kien qed jibbenefika minnha sakemm ma gietx lilu sospiza;

Huwa indubitat illi biex l-appell devolut lil din il-Qorti jkun jista' jigi akkolt, l-appellant jehtieglu juri ghas-sodisfazzjoni taghha illi l-apprezzament maghmul mill-Arbitru fl-appell tieghu quddiemu jikkontrasta mal-logika u r-razzjonalita`. Mhux bizzejjed li jaspira ruhu ghall-assunt li kienet tonqos l-ahjar prova. "Il-principju kien, u jibqa', illi l-Qorti tiddeciedi *'iuxta alligata et probata*', ghalkemm ma hemm xejn illi jimpedixxi lill-Qorti titlob li ssir il-prova li hi jidhrilha

li tkun mehtiega biex ahjar tapprezza l-fatti in kawza" ("**Kristinu Grech -vs- Anthony Bartolo**", Appell, 29 ta' Mejju 1998;

Effettivament, ma tezisti ebda gerarkija ta' l-effikacja tal-provi. Jikkonsegwi illi anke fil-kaz li certa prova ghandha karattru merament indizzjarju, din, bhal kull prova ohra diretta hi liberament valutabbli ghall-fini tal-konvinciment. L-importanti hu dak li l-apprezzament maghmul jirrispetta l-limitu legali li jesigi li l-motivazzjoni tkun wahda kongruwa u tikkonsenti l-kontroll tal-kriterju logiku segwit mill-Arbitru fid-decizjoni taghha;

Kif taraha din il-Qorti, fuq ir-rivalutazzjoni taghha tal-provi u taht il-profil logiku u tal-korrettezza guridika, is-sentenza impunjata sew ivvalutat l-elementi tal-provi akkwiziti u, korrettement ukoll, tat valur preminenti lill-fatt illi fil-mument ta' l-ispezzjoni kondott mill-Inspector ta' l-ETC l-appellant u haddiem iehor kienu qed jaghmlu xoghol fil-fond ta' "Chef Choice". Xoghol dan li mill-indikazzjonijiet attendibbli kien hekk suggerit li kien wiehed retribwibbli. Fil-kumpless, din il-Qorti tabilhaqq ma ssib xejn li jgieghla tiddiskosta ruhha mir-ragonament u l-konkluzjoni ta' l-Arbitru f' dan il-kaz;

Irid jinghad finalment illi din il-Qorti ma thossx li tista' toqghod b' affidament fuq is-sottomissjoni ta' l-appellant prospettata fuq l-istregwa tar-regola ta' "*in dubio pro reo*". Huwa veru li kull margini ta' dubju li talvolta jibqa' wara li jigu mistharrga l-provi ma jillegittimax *per* se is-sospensjoni ta' l-assistenza ricevuta. Minn naha l-ohra huwa wkoll veru illi, kif gja osservat, f' dan il-kaz l-Arbitru rraggunga grad accettabbli ta' certezza relattiva posittiva dwar l-ezistenza tal-presuppost tat-twaqqif tal-ghajnuna. Konsegwentement ic-censura ta' l-appellant, anke f' dan il-kuntest, mhix gustifikata, u r-regola imsemmija m' ghandu jkollha ebda applikabilita`.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata ta’ l-Arbitru u tirrispingi l-appell lilha sottomess. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------